REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/2179

tad-9 ta' Diċembru 2021

dwar il-funzjonalitajiet tal-interfaċċa pubblika konnessa mas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern għall-istazzjonar tax-xufiera fis-settur tat-trasport bit-triq

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva (UE) 2020/1057 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2020 li tistabbilixxi regoli speċifiċi rigward id-Direttiva 96/71/KE u d-Direttiva 2014/67/UE għall-istazzjonar tax-xufiera fis-settur tat-trasport bit-triq u li temenda d-Direttiva 2006/22/KE fir-rigward ta' rekwiżiti tal-infurzar u r-Regolament (UE) Nru 1024/2012 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 1(14) tagħha,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 1(11) tad-Direttiva (UE) 2020/1057, l-operaturi tat-trasport bit-triq jistgħu jintalbu jibagħtu, lill-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru li fih ikun stazzjonat jew kien stazzjonat xufier, dikjarazzjoni ta' stazzjonar jew dokumenti oħra, bl-użu ta' formola standard multilingwi tal-interfaċċa pubblika konnessa mas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern ("IMI"), stabbilita bl-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 1024/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]).

(2) L-aċċess għall-interfaċċa pubblika konnessa mal-IMI jenħtieġ li jsir permezz tal-ħolqien ta' kont sigur li jippermetti lill-utenti awtorizzati jimmaniġġjaw id-dikjarazzjonijiet tal-istazzjonar u t-talbiet għal dokumenti magħmula mill-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru. L-utenti awtorizzati jenħtieġ li jkunu jistgħu jirreġistraw id-dettalji dwar l-operatur, il-maniġer tat-trasport u x-xufiera stazzjonati. Utent awtorizzat huwa persuna li taġixxi f'isem l-operatur biex timmaniġġja d-dikjarazzjonijiet tal-istazzjonar u twieġeb għal talbiet għal dokumenti mill-Istat Membru ospitanti.

(3) Id-dikjarazzjonijiet tal-istazzjonar jenħtieġ li jiġu ppreżentati fl-interfaċċja pubblika għal massimu ta' sitt xhur.

(4) Sabiex ikun hemm konformità mal-Artikolu 1(12) tad-Direttiva (UE) 2020/1057 u d-dikjarazzjonijiet ta' stazzjonar jinżammu aġġornati, jenħtieġ li jkun possibbli li tiġi emendata l-informazzjoni fid-dikjarazzjoni tal-istazzjonar.

(5) Jenħtieġ li jkun faċli wkoll li tiġġedded id-dikjarazzjoni, sabiex jiġi evitat piż amministrattiv eċċessiv fuq l-operaturi.

(6) Sabiex l-operaturi jkunu jistgħu jikkonformaw mal-obbligu stabbilit fl-Artikolu 1(11)(b)(i) tad-Direttiva (UE) 2020/1057, jenħtieġ li l-interfaċċa pubblika konnessa mal-IMI tipprovdi d-dikjarazzjoni f'forma stampata u elettronika.

([1]) ĠU L 249, 31.7.2020, p. 49.

([2]) Ir-Regolament (UE) Nru 1024/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/49/KE ("ir-Regolament tal-IMI") (ĠU L 316, 14.11.2012, p. 1).

(7) F'każ li l-operatur jonqos milli jipprovdi dokumenti skont l-Artikolu 1(11)(c), jenħtieġ li l-operatur jkun jista' jara fl-interfaċċa pubblika konnessa mal-IMI meta tali dokumenti jkunu ġew ipprovduti mill-Istat Membru ta' stabbiliment wara talba għal assistenza mill-Istat Membru ospitanti fl-IMI.

(8) Jenħtieġ li l-interfaċċa pubblika konnessa mal-IMI tippermetti wkoll li awtorità nazzjonali waħda jew aktar jirċievu, fl-IMI, dikjarazzjonijiet tal-istazzjonar u d-dokumenti mibgħuta fuq talba tagħhom mill-operaturi.

(9) Sabiex jiġi żgurat infurzar effiċjenti tar-regoli speċifiċi dwar l-istazzjonar tax-xufiera u biex jiġi evitat piż amministrattiv eċċessiv, huwa importanti li l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali fl-Istat Membru ospitanti jikkoordinaw sabiex l-operaturi ma jirċevux talbiet mhux meħtieġa fl-interfaċċa pubblika konnessa mal-IMI minn dak l-Istat Membru li jkopru l-istess perjodu ta' stazzjonar.

(10) Sabiex l-awtoritajiet nazzjonali jivverifikaw il-konformità mar-regoli dwar l-istazzjonar, huwa kruċjali li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jkollhom aċċess għall-formoli ta' reġistrazzjoni tat-takografi tax-xufier li jkun fihom il-kodiċijiet tal-pajjiżi tal-Istati Membri li x-xufier għadda minnhom.

(11) Minħabba li l-operaturi huma meħtieġa biss li jżommu l-folji tar-reġistrazzjoni tat-takografu, il-karti stampati u d-*data* mniżżla f'forma li tinqara għal mill-inqas sena wara l-użu tagħhom, l-interfaċċa pubblika konnessa mal-IMI jenħtieġ li tippermetti lill-operatur iwieġeb għat-talbiet għal dokumenti mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru fejn ikun seħħ l-istazzjonar għal perjodu li jkopri t-tnax-il xahar preċedenti mid-data tat-talba, f'konformità mal-Artikolu 10(5) tar-Regolament (KE) Nru 561/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]).

(12) Sabiex l-operaturi jkunu jistgħu jiġbru d-dokumenti kollha meħtieġa fi żmien tmien ġimgħat, jenħtieġ li l-operatur ikun jista' jipprovdi d-dokumenti mitluba fi stadju wieħed jew aktar.

(13) Jenħtieġ li l-operatur jiġi infurmat permezz tal-interfaċċa pubblika konnessa mal-IMI f'każijiet fejn l-Istat Membru ospitanti jitlob l-assistenza tal-Istat Membru ta' stabbiliment.

(14) Sabiex jiġi evitat li t-talbiet għal dokumenti jibqgħu miftuħa għal tul ta' żmien indefinit, jenħtieġ li l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti tagħlaqhom malli titlesta l-valutazzjoni tal-konformità tal-operatur mar-regoli dwar l-istazzjonar u tinforma lill-operatur bir-riżultat tat-talba. F'każijiet fejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti ma jagħlqux it-talba għad-dokumenti, jenħtieġ li din tingħalaq awtomatikament wara perjodu ta' 24 xahar.

(15) Minħabba n-natura sensittiva tad-*data* personali kondiviża permezz tal-interfaċċa pubblika konnessa mal-IMI, huwa meħtieġ li t-tħassir tad-*data* kollha maħżuna f'dik l-interfaċċa u l-kontijiet tal-operaturi tkun tista' titħassar meta dik id-*data* ma tibqax meħtieġa għall-verifika tal-konformità mar-regoli dwar l-istazzjonar tax-xufiera fis-settur tat-trasport bit-triq. Jenħtieġ li japplika wkoll obbligu għat-tħassir awtomatiku għad-dokumenti ppreżentati mill-operatur permezz tal-interfaċċa pubblika konnessa mal-IMI wara talbiet għal dokumenti mill-awtoritajiet kompetenti.

(16) Fejn huwa meħtieġ għall-finijiet ta' dan ir-Regolament li tiġi pproċessata *data* personali, dan jenħtieġ li jitwettaq f'konformità mal-liġi applikabbli tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-*data* personali. L-ipproċessar ta' kwalunkwe *data* personali abbażi dan ir-Regolament huwa soġġett għar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]).

(17) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 u ta l-opinjoni tiegħu fis-7 ta' Lulju 2021.

(18) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 4(1) tad-Direttiva (UE) 2020/1057.

([3]) Ir-Regolament (KE) Nru 561/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerta leġiżlazzjoni soċjali li għandha x'taqsam mat-trasport bit-triq u li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85 u (KE) Nru 2135/98 u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3820/85 (ĠU L 102, 11.4.2006, p. 1).

([4]) Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Suġġett

Dan ir-Regolament jispeċifika l-funzjonalitajiet tal-interfaċċa pubblika konnessa mas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern ("IMI") għall-finijiet tal-Artikolu 1(11) tad-Direttiva (UE) 2020/1057.

Artikolu 2

Funzjonalitajiet ġenerali

1. L-interfaċċja pubblika multilingwi konnessa mal-IMI għandha tipprovdi lill-operaturi, b'mod partikolari, il-funzjonalitajiet tekniċi li ġejjin,

(1) il-ħolqien ta' kont għal aċċess sigur għaż-żona riżervata tal-operatur;

(2) l-iżgurar ta' reġistrazzjoni xierqa tal-attività tal-utent;

(3) ir-reġistrazzjoni fil-kont tad-dettalji tal-operatur, tal-utenti awtorizzati, tal-maniġer tat-trasport u tax-xufiera stazzjonati;

(4) l-immaniġġjar tad-dikjarazzjonijiet tal-istazzjonar:

(a) ir-reġistrazzjoni tal-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 1(11)(a) tad-Direttiva (UE) 2020/1057;

(b) il-preżentazzjoni ta' dikjarazzjoni tal-istazzjonar li jkun fiha l-informazzjoni msemmija fil-punt (a) li tkopri perjodu minimu ta' jum sa perjodu massimu ta' sitt xhur;

(c) l-emendar tal-informazzjoni fid-dikjarazzjoni tal-istazzjonar sabiex din tinżamm aġġornata;

(d) it-tniżżil ta' kopja ta' dikjarazzjoni tal-istazzjonar f'forma elettronika u f'format li jippermetti l-istampar;

(e) it-tiġdid tad-dikjarazzjoni tal-istazzjonar;

(f) l-irtirar tad-dikjarazzjoni tal-istazzjonar;

(5) l-għoti u t-tweġib għat-talbiet għal dokumentazzjoni skont l-Artikolu 1(11)(c) tad-Direttiva (UE) 2020/1057;

(6) l-aċċess u l-wiri ta' kwalunkwe dokument ipprovdut mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' stabbiliment;

(7) il-komunikazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru fejn ikun sar l-istazzjonament;

(8) li tiġi infurmata dwar l-għeluq tat-talba mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti.

2. L-interfaċċa pubblika multilingwi konnessa mal-IMI għandha tipprovdi wkoll il-funzjonalitajiet tekniċi li jippermettu lil awtorità nazzjonali waħda jew aktar tal-Istat Membru ospitanti li huma awtoritajiet kompetenti skont it-tifsira tal-Artikolu 5(f), tar-Regolament (UE) Nru 1024/2012 biex:

(a) tirċievi d-dikjarazzjonijiet tal-istazzjonar;

(b) titlob dokumenti skont il-proċedura speċifikata fl-Artikolu 1(11)(c) tad-Direttiva (UE) 2020/1057;

(c) iddaħħal l-eżitu finali tal-valutazzjoni tal-konformità tal-operatur mar-regoli dwar l-istazzjonar u biex tagħlaq it-talba fl-IMI.

Artikolu 3

Funzjonalitajiet relatati ma' talbiet għal dokumenti

1. L-interfaċċa pubblika għandha tippermetti lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn ikun seħħ l-istazzjonament li titlob lill-operatur jibgħat id-dokumenti stabbiliti fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 1(11)(c) tad-Direttiva (UE) 2020/1057 għal perjodu li jkopri t-tnax-il xahar preċedenti mid-data tat-talba. L-interfaċċa pubblika konnessa mal-IMI għandha tippermetti lill-operatur biex jipprovdi d-dokumenti mitluba fi stadju wieħed jew aktar.

2. F'każ li l-operatur jintalab jipprovdi dokument addizzjonali wieħed jew aktar li ma kinux inklużi fit-talba msemmija fil-paragrafu 1, l-interfaċċa pubblika għandha tikkalkula l-perjodu ta' tmien ġimgħat biex jiġu pprovduti d-dokumenti mid-data tat-talba għad-dokument(i) addizzjonali.

3. L-interfaċċja pubblika għandha tippermetti li l-operatur jiġi infurmat f'każijiet fejn l-Istat Membru ospitanti jitlob l-assistenza tal-Istat Membru ta' stabbiliment.

4. Kwalunkwe dokument imtella' mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' stabbiliment, wara talba għall-assistenza magħmula mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti, skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 1(11)(c) tad-Direttiva (UE) 2020/1057, għandu jkun viżibbli fil-kont tal-operatur.

5. L-interfaċċja pubblika għandha tippermetti lill-operatur jiġi nnotifikat dwar l-għeluq tat-talba għal dokumenti b'indikazzjoni tar-riżultat finali ladarba d-dokumenti mitluba jkunu ġew iċċekkjati mill-awtoritajiet nazzjonali.

Talbiet għal dokumenti li ma jkunux ingħalqu mill-awtorità kompetenti rikjedenti tal-Istat Membru ospitanti għandhom jingħalqu awtomatikament 24 xahar wara d-data tat-talba.

Artikolu 4

Funzjonalitajiet relatati maż-żamma tad-*data*

1. L-interfaċċa pubblika konnessa mal-IMI għandha tippermetti t-tħassir tad-*data* kollha maħżuna f'dik l-interfaċċa pubblika u l-kontijiet tal-operaturi meta dik id-*data* ma tkunx għadha meħtieġa għall-finijiet li għalihom kienet inġabret u ġiet ipproċessata. L-interfaċċa pubblika għandha tippermetti li tintbagħat tfakkira lill-operatur biex jirrieżamina u jħassar, meta jkun meħtieġ, id-*data* personali tax-xufier.

2. L-interfaċċa pubblika għandha tippermetti t-tħassir awtomatiku tad-dikjarazzjonijiet tal-istazzjonar li jkunu ġew ippreżentati permezz ta' dik l-interfaċċa pubblika wara l-perjodu ta' 24 xahar imsemmi fl-Artikolu 1(13) tad-Direttiva (UE) 2020/1057.

3. Meta d-dokumenti jkunu ġew ippreżentati mill-operatur bħala parti minn talba għal dokumenti, id-dokumenti mitluba għandhom jibqgħu disponibbli għal mhux aktar milli jkun meħtieġ għall-finijiet li għalihom ikunu nġabru u mhux aktar tard minn 12-il xahar wara l-għeluq tat-talba.

Artikolu 5

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Diċembru 2021.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN